**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

Il-Ħamis 12 t'April 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.
:21652525, 21650937 @ :marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| 53.1 | Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji |
| 53.1.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li s-Sur Daniel Zerafa kien informa lill-Kunsill li kien se jiġi ftit tard. |
| 53.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta’ Minuti |
| 53.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduti preċedenti, Seduta numru 51 u Seduta b’Urġenza numru 52 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 53.2.2 | Is-Sur Steven Grech ppropona u s-Sur Stephen Caruana issekonda l-minuti tas-Seduti 51 u 52, lil ġew approvati b’votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 53.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 53.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-22 ta’ Marzu 2018, attenda għall-appell tal-Bukkett Restaurant li għalih il-Kunsill kien oġġezzjona. |
| 53.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar l-24 ta’ Marzu 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech, kien attenda għal-laqgha tas-Sindki u l-Viċi-Sindki li nżammet fl-Amazonia. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kient laqgha produttiva fejn ġie diskuss ukoll jekk is-Sindki kellhomx ikunu *full-time* jew le. |
| 53.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar is-27 ta’ Marzu 2018, attenda għall-laqgħa tar-Reġjun Xlokk. Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsill li kienu intbagħtu ħaddiema assenjati mar-Regjun sabiex jgħinu fil-lokalità ta’ Marsaxlokk. |
| 53.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-28 ta’ Marzu 2018, attenda għal Konferenza Stampa f’Marsaxlokk fejn ġiet preżentata l-kwota għall-istaġun tat-tonn 2018. |
| 53.3.5 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li nhar it-2 t’April 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella, attendew għal laqgħa mal-Perit fejn ġie diskuss il-pjan taċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill Lokali, il-BOQ tal-*Bollards* tax-Xatt u Ġnien il-Familja. |
| 53.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il- 5 t’April 2018 attenda għal laqgħa mal-Kumitat tal-Partit Nazzjonalista ta’ Marsaxlokk, fejn wieġeb għall-mistoqsijiet ta’ korrispondenza li saret min-naħa tal-istess kumitat rigward Gela. |
| 53.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-8 t’April 2018, kienet ittieħdet ir-rassenja tal-Monti ta’ nhar ta’ Ħadd, fejn instabu żewġ *hawkers* li minkejja li ħadu s-somma mill-Gvern biex jirrinunzjaw il-posta tagħhom, xorta waħda ramaw. Is-Sindku spjega li f’dan l-istadju l-Kunsill qed jistenna parir mingħand l-Avukat tal-MOT. |
| 53.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar id-9 t’April 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech, is-Sur Jordy Brincat u s-Sa Emma Vella kienet inżammet laqgħa mal-Onor. Minstru Owen Bonnici, fejn ġew diskussi fondi tal-Power Station u tal-BWSC għaċ-Ċentru Ċiviku, devoluzzjoni tat-Torri Vendome u attivitajiet kulturali f’Marsaxlokk. Is-Sindku informa |

| | |
|---|---|
| | lill-Kunsill li wara din il-laqgħa kien infurmat li ħafna mill-fondi tal-Power Station kienu ittieħdu mill-ERA. Is-Sindku spjega li kellu jġib aktar informazzjoni f'dan ir-rigward. |
| 53.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar id-9 t'April 2018, flimkien mas-Sa Vanessa Galea u s-Sa Emma Vella, iddiskutew u iddeċidew fuq it-trasferimenti tal-*hawkers* tal-Monti ta' nhar ta' Ħadd. |
| 53.3.10 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li nhar l-10 t'April 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella, kien attenda għal laqgħa mal-Awtorità tal-Ippjanar, Projects Plus, l-MTA u l-MOT, rigward il-Pjan ta' Riġenerazzjoni f'Marsaxlokk. Is-Sindku spjega li ġie diskuss il-*Master Plan* ta' Xatt is-Sajjieda. |
| 53.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar l-10 t'April 2018 kienet inżammet, u hu attenda, għal *Public Consultation* mill-ERA rigward it-tqegħid tal-Pipeline tal-Gass bejn Marsaxlokk (Malta) u Gela (Sqallija). |
| 53.3.12 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill lokali li nhar il-11 ta' April 2018, flimkien mas-Sur Jordy Brincat kien attenda għal laqgħa mal-MTA rigward l-aħħar preparamenti għall-*Fireworks Festival* f'Marsaxlokk. Laqgħa oħra fir-rigward se ssir nhar it-Tnejn 16 t'April fis-6:00 p.m. fil-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. |
| 53.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-16 t'April 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella attenda għal laqgħa ma' Projects Plus rigward l-iżvilupp tal-bini tal-parkeġġ il-ġdid. |
| 53.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 53.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Bollards tax-Xatt"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jibgħat il-pjanta ta' Xatt is-Sajjieda li kient saret meta tranġa l-istess Xatt lill-Perit, sabiex ikun jista' jagħmel il-BOQ mitluba. |
| *Il-ħin huwa l-4:45 p.m. u f'dan l-istadju ġiet sospiża l-laqgħa sabiex tiġi diskussa l-issue tal-Barumbara ma' xi residenti preżenti għall-laqgħa.* | |
| *Il-ħin huwa l-4:50 p.m. u f'dan l-istadju daħal is-Sur Daniel Zarafa.* | |
| *Il-ħin huwa l-5:05 p.m. u l-laqgħa tkompliet.* | |
| 53.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Gate tal-Pjazza"? Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ispiża tal-frekwenza l-ġdida għar-*remotes* kollha se tibqa' l-istess prezz. Wara diskussjoni libera fejn ġew eliminati ċertu *remotes,* ġie deċiż li l-Kunsill għandu jibdel il-frekwenza tal-kumplament tar-*remotes* u wara li jsir dan il-proċess, l-individwu li jkun irid aktar *remotes* għandu jħallas għalihom personalment. |
| 53.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Tal-Housing tad-Djar tas-Sajjieda?". Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-ħaddiema assenjati għandhom jgħaddu l-*pipes* tal-ilma. |

| | |
|---|---|
| 53.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Karrijiet mitluqin"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jiġu ordnati tabelli u jitwaħħlu *stickers* mal-karrijiet mitluqin mill-Pulizija, sabiex is-sidien tal-istess karrijiet ma' jħalluhomx hemm. Ġie deċiż li mal-istess *stickers* għandu jintalab ukoll in-numru tat-telfon tas-sidien sabiex il-Kunsill ikollu mezz ta' kuntatt. |
| 53.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Bye-Law tal-Iskalien"? Wara-diskussjoni libera ġie deċiż li din il-Bye-Law għandha tkun reveduti mill-Kunsill u mgħoddija lill-Koperattivi għall-konsultazzjoni. |
| 53.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Tas-Soft Areas"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat il-kuntratt lill-Kunsilliera sabiex jiġi deċiż jekk għandiex toħroġ *Default Notice* fil-konfront tal-kuntrattur għar-raġuni li x-xogħol mhux ikun sodisfaċenti. |
| 53.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Tal-Latrini"? Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wasal iż-żmien biex jinħareġ *tender* ġdid f'dan ir-rigward għar-raġuni li jiskadi f'Diċembru 2018. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat korrispondenza lill-Minstru Konrad Mizzi sabiex waħda mill-latrini pubbliċi tingħalaq għax l-ispejjeż huma kbar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet talbet l-għajnuna lill-MTA għar-raġuni li Marsaxlokk huwa villaġġ turistiku u l-latrini pubbliċi jagħmlu użu minnhom aktar min-norma, imma l-ebda risposta ma' inatgħat sa issa. Is-Sa Emma Vella infurmat lill-Kunsill preżenti b'korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn talbu meta se jagħlaq it-t*ender* tal-latrini. |
| 53.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-kwistjoni tat-Torri Vendome"? Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li waqt laqgħa mal-Onor. Ministru Owen Bonnci se jkun hemm komunikazzjoni mal-*Lands* biex jiġi konfermat jekk it-Torri Vendome jistax jiġi devolut lill-Kunsill Lokali. |
| 53.4.9 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Dwar Żejtun Road u l-*Istage* tal-Pjazza"? Wara diskussjoni libera ġie deċiz li għandu jsir suġġeriment li Triq iż-Żejtun tingħalaq min-naħa ta' fuq. Rigward l-*istage* tal-Pjazza ġie deċiż li għandu jsir *double yellow lines* minn wara l-*istage* sa fejn hemm il-konolli fissi. |
| 53.4.10 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Barumbara"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm Konferenza Stampa nhar l-14 t'April 2018, u li għandhom jintbagħtu ittri lir-residenti ta' Triq Xerriek u l-parti ta' fuq ta' Triq il-Luzzu sabiex ikunu infurmati. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill Lokali għandu jqabbad Avukat u Perit sabiex jagħmel appell mal-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward ta' permess ta' bini li ingħata biswit il-Barumbara Tax-Xerriek f'Marsaxlokk. Il-Permess huwa unnumerat PA2545/17. |
| 53.4.11 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Issir bozza ma' arblu quddiem l-Għarix, Triq Delimara"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir talba lil-Enemalta f'dan ir-rigward. |
| 53.4.12 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Titranġa l-bankina ta' quddiem id-dar ta' Charmaine Schiavone, Triq ix-Xini"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandu jigi rivedut il-*budget* fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex issir konferma ta' kemm hemm finanzi allokati biex jitranġaw biċċiet mill-bankini. |

| | |
|---|---|
| 53.4.13 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Jitranġa l-fanal tal-Pjazza għax waqa'"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jinxtraw żewġ fanali, għax fil-verità kien hemm fanal ieħor li waqa' wkoll. |
| 53.4.14 | Is-Sur Stephen Caruana staqsa: "Hemm bżonn isir *tape* mad-dawra tat-tarġa ta' taħt it-tinda għax waqgħet turista"? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li t-*tape* għandu jinbidel. |
| 53.4.15 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Is-Sajf magħna. Teżisti il-problema tal-karrijiet u jinħtieġ ninfurzaw bħal qabel ħalli jitneħħa kollox minn ġot-toroq. Ser ninfurzaw bħal qabel?" Il-Kunsill kien diġa' iddiskuta l-istess sugggġett fil-laqgħa tal- llum, minuta 53.4.4. |
| 53.4.16 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "It-*tenders* ta' ġbir ta' skart f'liema stadju wasal, għax issa qegħdin fi stadju li nhar t'Erbgħa l-iskart jinġabar fit-tlieta ta' wara nofsnihar wara tal-organiku?". Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li l-evalwazzjoni tat-*tender* il-ġdid ħa ssir fis-16 t'April 2018. |
| 53.4.17 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "X'*follow up* hemm fuq B.O.Q. ta' Ġnien il-Familja? Ġnien il-Port Ruman għandu jiġi kkunsidrat, prattikament ma fadal xejn fih"? Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li rigward Ġnien il-Familja l-istess Kunsill għadda kollox lill-Perit sabiex issir evalwazzjoni biex jitranġa. Fir-rigward ta' Ġnien il-Port Ruman is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li għadu ma ġie diskuss xejn. |
| 53.4.18 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "X'*follow up* hemm fuq Triq Lepanto, il-biċċa fejn kellha tinfetaħ ma' Triq il-Kavallerizza? Is-Sindku informa lill-Kunilliera preżenti li temporanjament ma hemmx informazzjoni dwar il-materja. |
| 53.4.19 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Fejn wasalna fiż-żebgħa ta' Toroq Abdosir, Port Ruman, Tonin Attard u Ċiċerun? Wara diskussjoni libera ġie deċiż li Triq Ċiċerun se ssir nhar it-Tlieta 17 t'April 2018. Fir-rigward ta' Toroq Abdosir u Tonin Attard ġie deċiż li ma jsir xejn. Rigward Triq Port Ruman il-Kunsill kien diġà infurmat, f'laqgħat preċedenti, li dax-xogħol ser isir minn Transport Malta. |
| 53.4.20 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Imwejjed u Siġġijiet. Din id-darba t-tabelli li qiegħdin ikunu fil-passaġġ li naqa' fil-promenade. L-infurzar mill-awtoritajiet baqgħalu ħafna, iżda aħna bħala Kunsill nistgħu nieħdu azzjoni. Nissuġġerixxi li nibagħtu ittra lir-ristoranti kollha biex fi żmien ġimgħa jitneħħew. F'każ li ma' jitneħħewx għandna nħallsu għall-infurzar tal-Pulizija u jittieħdu dawn it-tabelli minn fuq il-post. Min jargumenta fuq spejjeż, il-flus għalhekk huma. Ma nistgħux nibqgħu nħarsu u rridu nieħdu l-inizjattiva u inkunu pro-attivi mhux reattivi. Taqblu li għandna nieħdu l-ewwel pass hekk?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sur Horace Gauci ħa jibgħat korrispondenza lir-ristoranti biex jitneħħew it-tabelli tal-menus tar-ristoranti min-nofs. Is-Sindku żied jgħid ukoll li jekk mhux ħa jitneħħew, dawn it-tabelli ħa jiġu mneħħija mill-Kunsill Lokali. |
| 53.4.21 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Minħabba li bħalissa inkun fl-aqwa żmien tax-xogħol tiegħi u ma nkunx preżenti l-Kunsill, xorta nosserva u nsegwi dak li jkun qiegħed jiġri l-Kunsill. Qegħdin isiru numru ta' laqgħat fejn ngħid għalija mhux qiegħed inkun infurmat bihom jew mistieden għad-diskussjoni. Fejn nista' nattendi dejjem ġejt, fejn ma stajtx niġi mhux kapriċċ. Dejjem inħalli l-*input* tiegħi b'kull mod ieħor. Nieħu din il-ġimgħa fosthom laqgħa mal-Ministru Dr Owen Bonnici, laqgħa ma' *Projects Malta* fuq Pjan ta' Riġenerazzjoni, laqgħa fuq il-Monti, ma kont naf b'xejn. Ankè rigward diskussjoni fuq il- |

| | |
|---|---|
| | binja ta' Kunsill ġdid. Dan kollu nsir nafu minn terzi u sorsi oħra, laqgħat li kull Kunsillier elett għandu jkun preżenti u jagħti l-*input* tiegħu. Hi inaċċettabli li niġu għas-seduti u nieħu biss l-aħbarijiet. Aħna qiegħdin hawn eletti bħala Kunsill sħiħ mhux *one man council.* Biex is-sitwazzjoni titranġa se nibdew nirċievu notifika miktuba ta' kull laqgħa li jkun hemm?" Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li għal ċertu laqgħat ikunu mistiedna s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biss. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li jekk il-Kunsilliera ma jkunux mistiedna għandhom ikunu xorta informati rigward il-laqgħat. |
| 53.4.22 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa: "Is-*Service Pillars* tal-Magħluq ma humiex jiffunzjonaw, ħlief waħda li qegħdin iqabbdu magħha l-bastimenti kollha. Nemmen xi ħin iwassal għal xi *overload* u tintefa' hi wkoll. Hemm rimedju li nista' nissuġġerixxi, li hu li jinqala' wieħed minn tnejn ta' ġol-Pjazza, li għandhom iżjed minn sors fejn jieħdu *supply* kull wieħed u jitwaħħal minflok wieħed tal-Magħluq. Għandna niddeċiedu fuq din jew inkella naħseb għandna nibgħatu lid-Dipartiment rigward dan?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li dan is-suggeriment ma jistax jiġi aċċettat għas-sempliċi raguni li dawn il-*pillars* jaghmlu parti minn proġett ta' Fondi Ewropej u allura ma jistgħux jiġu mibdula. |
| 53.5.1 | - Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li hemm bżonn li jinbidlu tlitt (3) *air conditioners* li jinsabu fil-binja tal-Kunsill. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv preżenta tlitt (3) *quotations*, il-Kunsilliera ddecidew li għandu jittieħed il-qies tal-kmamar partikolari sabiex jiġi konfermat kif għandu jinxtara d-daqs tal-*air conditioners.*<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li hemm bżonn jinxtraw qliezet tal-uniformi tas-sajf għall-ħaddiema tal-Kunsill. Wara li s-Segretarju preżenta tlitt (3) *quotations*, ġie deċiż li l-uniformi tinxtara biss fuq patt u kundizzjoni li tintlibes dejjem.<br><br>*Il-ħin huwa s-7:15 p.m. u f'dan l-istadju ħarġet mill-kamra s-Sa Janice Chetcuti.*<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mid-Dipartiment tal Gvern Lokali datata 9 ta' April 2018, sabiex il-Kunsill Lokali jistabbilixxi d-data tal-festa kulturali '*Fish Fest*'. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-attività għandha tinżamm nhar il-15 ta' Settembru 2018.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza mibgħuta fis-16 ta' Marzu 2018 mill-HSBC Bank fejn il-Kunsill ġie infurmat biex isib alternattiva ta' Bank ieħor u jagħlaq il-kontijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li kienu diġà saru arranġamenti mal-BOV fir-rigward, li diġà ġew aċċettati.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari innumerata 2018/034 mibgħuta mill-Assoċċjazzjoni tal-Gvern Lokali, il-Kunsill ġie infurmat li l-istess Assoċċjazzjoni mhux ser tkun qed iġġedded il-liċenzja tal-*Performing Rights Society*, għar-raġuni li ma tkoprix kollox. Fl-istess Ċirkolari ingħata wkoll tagħrif fejn wieħed jista' jikseb l-informazzjoni meħtieġa.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 21 ta' Marzu 2018 mingħand il-President tal-Koperattiva tas-Sajd, fejn kienu qed jinformaw lill-Kunsill Lokali li huma jridu li joħroġ il-permess għall-Boatyard.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 22 ta' Marzu 2018 mingħand l-*Estate Manager* tal-*Primary Health Care*, is-Sur Joseph Scerri, fejn talab li tinżamm |

| | |
|---|---|
| | laqgħa mal-Kunsill Lokali sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tal-Berġa f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa dwar il-materja.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza datata 3 t'April 2018 mingħand is-Sur Joseph Bonello tal-MTA fejn talab li l-latrini pubbliċi iżidu siegħa oħra ta' ftuħ fis-sitt (6) xhur tas-sajf. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li deċiżjoni bħal din tkun aktar ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill Lokali. Għalhekk din il-proposta ma ġietx milqugħa. Ġie deċiż ukoll li għandha tinżamm laqgħa mas-Sur Bonello sabiex jiġu diskussi affarijiet relatati mal-Uffiċċju tat-TIO u li għandna niktbu lill-Ministru Tat-Turiżmu Dr Konrad Mizzi dwar il-materja.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 2 t'April 2018 mingħand is-Sur Joe Cardona fejn staqsa tistax issir kaxxa b'linji sofor quddiem ir-rampa tal-garaxx tiegħu, għaliex qed ikun hemm min qed jostakolalu milli joħroġ jew jidħol bil-vettura. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sindku se jmur fuq il-post mal-ħaddiema assenjati u jara x'jista' jsir.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 15 ta' Frar 2018 mingħand is-Sur Charlie Abela rigward l-istat li tinsab fih Triq l-Arżnell,f'Marsaxlokk. Is-Sur Abela ilmenta wkoll rigward il-ħin tat-trasport ta' tal-linja.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari 2018/032 il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korripondenza datata 27 ta' Marzu 2018, mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward sejħa għall-WiFi4EU. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill m'għandux japplika għar-raġuni li kien diġà iffirma kuntratt ieħor għal servizz ta' WiFi b'xejn f'diversi żoni f'Marsaxlokk.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 23 ta' Marzu 2018 mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward *Public Hearing* ta' PA03782/16 b'konnessjoni mal-iżvilupp tal-*Hunters Tower* f'Marsaxlokk, li kellha tinżamm fis-17 t'April 2018 fis-Sala Pompei.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat b'korrispondenza datata 24 ta' Marzu 2018 mingħand is-Sa Annalise Falzon rigward *offroading* li qed isir f'għalqa viċin ir-residenza tagħha. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill Lokali ma jista' jagħmel xejn f'dan ir-rigwrad għar-raġuni li l-għalqa hi privata. Għaldaqstant ir-residenta għandha tinforma lill-Pulizija.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa u spjega lill-Kunsilliera bl-ewwel *Quarter Report* tas-Sena Finanzjarja 2018.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 7 t'April 2018 mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar rigward l-approvazzjoni tal-permess innumerat PA/10134/17, Ta' Victor Restaurant.<br><br>*Il-ħin huwa t-8:40 p.m. u f'dan l-istadju ħareġ mill-kamra s-Sur Stephen Caruana.*<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/09638/17, PA/02923/18, PA/03018/18, RG/00751/18, PA/02610/18, PA/02629/18, PA/02780/18, PA/02650/18, PA/02739/18, RG/00551/18, RG/00690/18, PA/00403/18, PA/01622/17, PA/05623/17, PA/09008/17, PA/10586/17, PA/00289/18, PA/02522/18, PA/02439/18, PA/02476/18, RG/00744/18, PA/00038/18, PA/08444/17. |

| | |
|---|---|
| | Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għal dik innumerata PA/09638/17 u li għaliha l-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona. |
| 53.6 | Mozzjonijiet |
| 51.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 53.7 | Sejħiet għall-Offerti |
| 53.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera sabiex japprovaw it-tender tal-i*Street Sweeping*. Wara diskussjoni libera t-tender ġie approvat. |
| 53.8 | Rapport Finanzjarju |
| 53.8.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsilliera r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2017. Wara diskussjoni libera, ir-Rapport Finanzjarju ġie approvat mill-Kunsilliera preżenti. |
| 53.9 | Approvazzjoni tar-*Representation Letter* tar-Rapport Finanzjarju (2017) |
| 53.9.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta r-*Representation Letter* tar-Rapport Finanzjarju (2017). Wara diskussjoni libera ġie deċiż li r-*Representation Letter* tar-Rapport Finanzjarju mibgħuta mill-awdituri konċernati tiġi approvata. |
| 53.10 | Jum Marsaxlokk |
| 53.10.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar id-29 ta'April 2018 se jkun ċelebrat Jum Marsaxlokk u spjega kif bħas-snin li għaddew se jingħata 'Ġieh Marsaxlokk' kif ukoll xi rikonoxximenti.<br><br>Wara diskussjoni libera ġie deċiż fost dawk preżenti li għandhom jingħataw dawn ir-rikonoxximenti:<br>- Is-Sur Duncan Hall (bħala ex-Segretarju Eżekuttiv), fil-qasam tal-Gvern Lokali,<br>- Ir-Rev. Dun Mario Mangion (bħala ex-Kappillan ta' Marsaxlokk), u<br>- Marsaxlokk Waterpolo Club (għas-suċċessi li għamlu), fil-qasam sportiv.<br><br>Ġieħ Marsaxlokk jingħata lis-Sa Ċensina Zahra fil-qasam tal-volontarjat. |
| 53.11 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 53.11.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 04/18) għall-approvazzjoni. |
| 53.11.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 53.11.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xhur ta' Marzu u April għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |

| 53.12 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
|---|---|
| 53.12.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:10 p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2018 fil-5:00 p.m. |

Konfermati, illum 10 ta' Mejju 2018.

IFFIRMATA

__________________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv